31989R0812

L 86/25 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 31.3.1989

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 812/89
tal-21 ta' Marzu 1989
dwar il-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1] dwar in-nomenklatura tat-tariffa u ta' l-Istatistika u t-Tariffa Doganali Komuni, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 20/89 [2], u b' mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tiġi assigurata applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa ma' l-istess Regolament, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-klassifika ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 iffissa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija kompletament jew parzjalment bażata fuqha jew li żżid magħha kwalunkwe suddiviżjonijet u li hija mwaqqfa skond id-disposizzjonijiet speċifiċi, bi skop għall-applikazzjoni ta' tariffa jew miżuri oħra relatati man-negozju ta' oġġetti;

Billi, sussegwenti għall-imsemmija regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fl-1 kolonna tat-tabella annessa mar-Regolament preżenti għandhom ikunu klassifikati fil-kodiċi NM xierqa murija fit-2 kolonna, bis-saħħa tar-raġunijiet imniżżla fit-3 kolonna;

Billi l-miżuri li hemm provduti f'dan ir-Regolament jikkonformaw ma' l-opinjoni tal-Kumitat tan-nomenklaturi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fl-1 kolonna tat-tabella annessa huma b'hekk klassifikati fin-nomenklatura magħquda fil-kodiċijiet NM xierqa murija fit-2 kolonna ta' l-imsemmija tabella.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Ir-Regolament għandu jorbot fl-intier u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fil-21 ta' Marzu 1989.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 256, tas-7.9.1987, pġ. 1.
(2) ĠU L 4, tas-6.1.1989, pġ. 19.

ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifika (kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Libsa ħafifa maħduma bil-labra tal-malja (100 % tajjar) twila sa nofs il-koxxa. L-għonq tagħha ġej għat-tond, għandha kmiem qosra u wiesgħa u qasmiet fil-ġnub twal madwar 12-il ċm fix-xifer tal-libsa. L-għonq, it-tarf tal-kmiem u x-xifer tal-libsa huma mberflin b'ċinta ta' materjal maljat maħdum bl-idejn madwar 1 ċm wiesgħa. (Ara ritratt Nru 397 (*)) 	6104 42 00	Il-klassifika hija stabbilita skond id-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, kif ukoll bit-test tal-kodiċijiet NM 6104 u 6104 42 00. Klassifika bħal *nightdress* hija eskluża għaliex il-libsa in kwistjoni ma hix evidentement magħrufa bħala maħsuba biex tintlibes esklussivament bħala lbies tas-sodda
2. Libsa ħafifa maħduma bil-labra tal-malja (100 % tajjar) twila sa nofs il-koxxa. L-għonq tagħha ġej għat-tond, għandha kmiem qosra u wiesgħa u qasmiet fil-ġnub twal madwar 16-il ċm fix-xifer tal-libsa. L-għonq, it-tarf tal-kmiem u x-xifer tal-libsa huma mberflin b'ċinta ta' materjal maljat maħdum bl-idejn. Fuq quddiem hemm meħjuta tpinġija dekorattiva. (Ara ritratt Nru 398 (*)) 	6104 42 00	Il-klassifika hija stabbilita skond id-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda kif ukoll bit-test tal-kodiċijiet NM 6104 u 6104 42 00. Il-klassifika bħal libsa ta' taħt hija eskluża għaliex il-libsa in kwistjoni mhix evidentement magħrufa bħala maħsuba biex tintlibes esklussivament bħala lbies tas-sodda

(*) Ir-ritratti huma biss ta' natura illustrattiva.

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifika (kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
3. Libsa ħafifa maħduma bil-labra tal-malja(100 % tajjar) twila sa nofs il-koxxa. L-għonq ġej għat-tond, għandha kmiem qosra u wiesgħa u qasmiet fil-ġnub twal 13-il cm fit-tarf tal-libsa. Fiha ċinta ta' materjal maljat fl-għonq u fit-tarf tal-kmiem. Ix-xifer tal-libsa fih keffa. (Ara ritratt Nru 399 (*)) 	6104 42 00	Il-klassifika hija stabbilita skond id-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda kif ukoll it-test ta' kodiċijiet NM 6104 u 6104 42 00. Il-klassifika bħal *nightdress* hija eskluża għaliex il-libsa in kwistjoni mhix evidentement magħrufa bħala maħsuba biex tintlibes esklussivament bħala lbies tas-sodda
4. Sett ta' żewġt ilbiesi imqiegħda għall-bejgħ bl-imnut magħmulin minn: (a) Bluża maħduma bil-labra tal-malja mhix miksija (100 % tajjar), bl-għonq, miftuħ kompletament fuq quddiem biż-żipp, bi kmiem twal. Fiha żigarella maljata fit-tarf tal-bluża u tal-kmiem. Iċ-ċinta magħmula minn materjal immaljat ta' kulur ieħor ġiet meħjuta għat-tul tal-kmiem fin-naħa ta' barra u madwar id-dirgħajn. Iż-żewġ pannelli fuq quddiem tal-bluża huma mgħottija kompletament bi drapp b'forom stampati, applikati u minusġa b'ħafna kuluri.. Fiha żewġt ibwiet biż-żipp 'il fuq mill-qadd. (Ara ritratt Nru 428 A (*)) 	6112 11 00	Il-klassifiki huma stabbiliti skond id-disposizzjonijiet ta' regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, kif ukoll bit-test tal-kodiċijiet NM 6112 u 6112 11 00 (Ara Intestatura Nru 6112 tas-sistema armonizzat)

(*) Ir-ritratti huma biss ta' natura illustrattiva.

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifika (kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
(b) Qalziet maħdum bil-labra tal-malja mhux miksi (100 % tajjar), twil mill-qadd sa l-għekiesi, jissikka fil-qadd permezz ta' lastiku u qafla. Dan il-qalziet fih żewġt ibwiet biż-żipp iżda bla ftuħ fil-qadd. Fih ċinta maljata fit-tarf tal-qliezi. ċinta oħra ta' drapp minsuġ ta' kulur ieħor hija meħjuta fuq in-naħa ta' barra tal-qliezi, li twassal minn fuq tal-qalziet saċ-ċinta maljata tax-xifer tal-qliezi. (Ara ritratt Nru 428 B (*)) 		

(*) Ir-ritratti huma biss ta' natura illustrattiva.